Ġużè Chetcuti: "Manwel Nicholas-Borg hu poeta b'qalb kbira bil-fakultà tal-perċezzjoni li jħoss, jifhem u jidħol fil-fond tat-tema dominanti li tissawwar fi ħsiebu. Versi konċiżi mirquma b'figuri simboliċi u metaforiċi, effettivi fil-ġmiel u fil-profondità,…"

Ġorġ Chetcuti: "…fil-poeżija tiegħu nsibu… seħer tal-ħsieb sħiħ u qawwi u sbuħija mdawla mill-qalb li taf tħobb u tagħder."

Prof. Oliver Friggieri: "…tiftiehem tajjeb il-persunalità ta' poeta mbiegħed minn art twelidu li t-tifkira u l-esperjenza tagħha jispiċċaw biex isiru fih sentiment profond wieħed, kważi għajn ta' faraġ, mezz ta' sopravivenza u fuq kollox nixxiegħa ta' fiduċja.… Id-dħul ta' kliem ta' nisel rumanz u anglosassonu hu xejra interessanti oħra; l-awtur jimrah f'medda wiesgħa fejn kliem ta' nisel Għarbi u kliem ta' nisel ieħor jitwaħħlu u jinsġu tila waħda u sħiħa, eżempju ta' integrazzjoni mtaħħta għal-liġi tal-kreattività tal-mekkaniżmi mentali Maltin… hija l-awtentiċità tas-sentimenti u tal-konvenzjonijiet li jaslu jitfissru f'għamla poetika sewwasew għaliex ħerġin mill-qiegħ nett… Ma jkunx sħiħ kull diskors fuq poeżija ta' poeta mbiegħed minn pajjiżu jekk ma jisħaqx fuq id-distanza u s-sens tagħha. Hija sewwasew din id-distanza li tfisser u tiġġustifika kollox…"





## Destin

Il-vojt li nħoss
fil-baħħ ta' madwari
ma jimteliex bil-kliem fieragħ
ta' min jixtieqni aħjar
għaliex it-triq minn fejn għaddej
għażiltha jien
u meta ntlaqt fejn tgħaddi l-kotra
fil-wesgħat
tfixkilt
intlift
u l-passaġġ taż-żmien rajtu infinit!

## Uċuħ

Fil-kristall tal-linfa tas-salott
il-lejla
nilmaħ id-dawl ibiddel ilwien ġodda
fuq wiċċ il-mistednin
li qabel daħlu ma xebgħux
ineżżgħu għarwenin
b'ilsna ta' ħallelin
lil dak u 'l-oħra
u issa taħt is-saqaf
qed jaqsmu magħhom
elf tbissima qarsa!

## Xewqat

It-tinwiħ bil-lejl tal-qtates
wara t-tieqa mbexxqa ta' kamarti
jixbaħ il-karba tiegħek
dieħla ħdejja
tfittex is-satra
u l-ħniena.